MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2010

Numru 896/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**Vs**

**Germaine Magro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Germaine Magro ta' tmienja u tletin (38) sena, bint Francis Ellul u Rita neè Busuttil, imwielda Pietà fid-19 ta' Jannar 1972 u residenti Nru. 104, St. Mary Street, Tarxien, detentrici ta' Karta ta' l-Identità bin-Numru 88772(M), talli: b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, mis-26 ta' Awissu 2010 u xhur qabel, kisret l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi b'risoluzzjoni wahda billi kkommettiet serq ta' diversi oggetti f'dawn il-Gzejjer, u mill-fond "Bowyer House Hostel" sitwat fi Triq il-Kbira, Tarxien, ghall-valur ta' madwar mitejn hamsa u ghoxrin Euro (€225), liema serq

huwa aggravat bil-persuna u a detriment ta’ CLIP Organization u ta’ diversi studenti mill-Belgju;

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputata tammetti ghall-akkuza migjuba fil-konfront taghha u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputata bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha w ikkonceditilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkunsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputata ghall-akkuza migjuba kontra taghha, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li ssib lill-imputata hatja ta’ l-akkuza migjuba kontra taghha;

Ghall-finijiet ta’ piena kkunsidrat il-fatt li l-imputata ikkooperat mal-Pulizija, irregistrat ammissjoni bikrija u li mill-fedina penali ta’ l-istess imputata ma jirrizultawx reati ta’ natura gravi.

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 268(d) u 281(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputata hatija ta’ l-akkuza mibjuba kontra taghha izda, billi fic-cirkostanzi jissussistu r-ragunijiet migjuba fl-Artikolu 7(2) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Qorti thoss li hemm lok li l-imputata tinghata l-libertà kondizzjonata a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lil Germaine Magro bil-kondizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mid-data ta’ din is-sentenza.

Ai termini ta’ l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat bi kliem car u semplici lill-imputata li jekk taghmlu reat iehor matul il-perijodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata, hija tkun tista’ tinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------